**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Marzu, 2024

Rikors Ġuramentat: 268/16/AL

**A B**

**vs.**

**C E, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u b'digriet tas-16 ta' Diċembru 2016 l-Avukat Dr Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Helen Valenzia ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lill-minuri D B u F B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi, li permezz tiegħu ppremettiet:

*Dikjarazzjoni tal-Fatti:*

1. *Illi l-esponenti u l-intimat C E, m'humiex mizzewġin, u kellhom relazzjoni intima li minnha twieldu zewġ minuri: D B nhar il-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) u ġiet reġistrata fl-att tat-twelid bl-isem u l-kunjom ta' D B, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tagħha bin-numru 5019/11 (mal-prezenti anness u mmarkat bħala 'Dok A'), u F B nhar l-erbgħa ta' Frar tas-sena elfejn u disgħa u ġiet reġistrata fl-att tat-twelid bl-isem u kunjom ta' F B, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tagħha bin-numru 680/09 (mal-prezenti anness u mmarkat bħala 'Dok B');*

*2. Illi skond l-Atti tat-Twelid surreferiti, missier iz-zewġ minuri D u F B huwa ndikat bħala missier mhux magħruf;*

*3. Illi il-missier naturali taz-zewġ minuri D u F B huwa l-intimat C E, sar diġa test ta' DNA ('Dok C') fuq il-minuri D u l-missier;*

*4. Illi l-indikazzjoni ta' 'unknown father' fl-Atti tat-twelid tal-minuri D u F B (vide Dok A u Dok B) huma zbaljati, u dan l-izball sar da parti tal-esponenti;*

*5. Illi l-missier naturali C E ma jipprovdi l-ebda manteniment għall-uliedu;*

*6. Illi f'dawn il-proċeduri l-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u l-PL Marie Claire Bartolo ġew assenjati bħala l-Avukat u l-Prokuratur Legali tal-esponenti. L-esponenti qed tuzufrixxi mis-servizz tal-Għajnuna Legali (vide l-iknartament Għajnuna Legali anness u mmarkat bħala: 'Dok D');*

*Raġuni tat-Talba*

*1. Illi l-esponenti u l-intimat C E, m'humiex miżżewġin, u kellhom relazzjoni intima li minnha twieldu zewġ minuri: D B*

---

[1] Fol. 1.

*nhar il-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) u ġiet reġistrata fl-att tat-twelid bl-isem u l-kunjom ta' D B, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tagħha bin-numru 5019/11 (mal-prezenti anness u mmarkat bħala 'Dok A'), u F B nhar l-erbgħa ta' Frar tas-sena elfejn u disgħa u ġiet reġistrata fl-att tat-twelid bl-isem u kunjom ta' F B, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tagħha bin-numru 680/09 (mal-prezenti anness u mmarkat bħala 'Dok B');*

*2. Illi skond l-Atti tat-Twelid surreferiti, missier iz-zewġ minuri D u F B huwa ndikat bħala missier mhux magħruf;*

*3. Illi il-missier naturali taz-zewġ minuri D u F B huwa l-intimat C E, sar diġa test ta' DNA ('Dok C') fuq il-minuri D u l-missier;*

*4. Illi l-indikazzjoni ta' 'unknown father' fl-Atti tat-twelid tal-minuri D u F B (vide Dok A u Dok B) huma zbaljati, u dan l-izball sar da parti tal-esponenti;*

*5. Illi l-missier naturali C E ma jipprovdi l-ebda manteniment għall-uliedu;*

*6. Illi f'dawn il-proċeduri l-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u l-PL Marie Claire Bartolo ġew assenjati bħala l-Avukat u l-Prokuratur Legali tal-esponenti. L-esponenti qed tuzufrixxi mis-servizz tal-Għajnuna Legali (vide l-inkartament Għajnuna Legali anness u mmarkat bħala: 'Dok D');*

*Talbiet:*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti, in vista tas-suespost, umilment titlob lill-intimati jgħidu għaliex din l-Onor. Qorti m'għandhiex, previa kull dikjarazzjoni jew provvediment neċessarju:*

*1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimat C E huwa l-missier naturali tal-minuri D B;*

*2. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimat C E huwa l-missier naturali tal-minuri F B;*

*3. Tordna illi l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku iħassar minn fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri D B, (liema Att għandu n-numru 5019/11), il-kliem 'Unknown Father' u minflok jitnizzel isem l-intimat C E bħala l-missier tal-minuri, u kif ukoll, jiġi mizjud, kull fejn jeħtieġ, referenza għall-intimat, senjatament izda mhux biss, ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tiegħu, il-post tar-residenza tiegħu, isem u kunjom missier l-intimat u jekk l-istess missier tal-intimat huwiex ħaj jew mejjet, l-età tal-intimat, u kwalsiasi tagħtif ieħor relattiv għall-intimat u li jidhru mal-Att tat-twelid ċitat;*

*4. Tordna illi l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku iħassar minn fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri F B, (liema Att għandu n-numru 680/09), il-kliem 'Unknown Father' u minflok jitnizzel isem l-intimat C E bħala l-missier tal-minuri, u kif ukoll, jiġi mizjud, kull fejn jeħtieġ, referenza għall-intimat, senjatament izda mhux biss, ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tiegħu, il-post tar-residenza tiegħu, isem u kunjom missier l-intimat u jekk l-istess missier tal-intimat huwiex ħaj jew mejjet, l-età tal-intimat, u kwalsiasi tagħrif ieħor relattiv għall-intimat u li jidhru mal-Att tat-twelid ċitat;*

*5. Tordna manteniment xieraq għall-minuri D u F B da parti tal-intimat C E.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati[2], fejn ġie eċċepit:

*Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jippresentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxielhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern*;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

[2] Fol. 34a – 35.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku[3], fejn eċċepixxa:

*1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-prezentata tar-risposta għadu ma bediex jiddekori;*

*2. Illi bla ħsara għal premess, l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-rizultanzi istruttorji;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għalkemm jidher illi ġie prezentat test tad-DNA kemm-il darba dan jitqies li huwa wieħed validu xorta jeħtieġ illi jkun maħluf mit-tekniku li jkun wettaq t-test u dana sakemm l-Onorabbli Qorti ma tħossx il-ħtieġa illi dan għandu jerġa' jsir mill-ġdid Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*4. Illi bla ħsara għas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil konvenut C E sabiex jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-identita, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta` tiegħu meta twieldu l-minuri D u F aħwa B, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldu l-imsemmija minuri il-minuri, (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldu l-minuri. Tali informazzjoni hija meħtiega biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri D u F aħwa B rispettivament;*

*5. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri a tenur, a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

---

[3] Fol. 36 – 38.

*6. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi l-konvenut C E, debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar il-15 ta' Frar 2017, ma weġibx permezz ta' risposta ġuramentata *entro* t-terminu stabbilit fil-liġi. Għaldaqstant fl-udjenza ta' nhar l-14 ta' Novembru 2017[4], C E ġie dikjarat li jinsab fi stat ta' kontumaċja;

Rat is-sentenza fl-ismijiet ***A B vs C E et*** deċiża minn din il-Qorti nhar is-27 ta' Mejju 2021, fejn ġie ddikjarat illi l-aħwa F B u D B huma ulied naturali tal-konvenut[5];

Rat l-ordni fl-istess sentenza għall-prosegwiment tal-kawża fuq it-talba rimanenti ta' l-attriċi diretta lejn il-manteniment tal-minuri, wara li l-partijiet ikunu marru għall-medjazzjoni *ai termini* tal-Avviż Legali 397 tas-sena 2003;

Rat l-affidavit tal-attriċi speċifikament dwar il-materja tal-manteniment[6];

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat li l-partijiet ma ppreżentawx nota ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

**IKKUNSIDRAT**:

[4] Fol. 51.
[5] Fol. 86 – 91.
[6] Fol. 103 – 104.

## 1. L-azzjoni odjerna

Wara s-sentenza tas-27 ta' Mejju 2021 li stabbiliet illi l-minuri F u D B li twieldu fl-4 ta' Frar 2009 u fil-15 ta' Settembru 2011 rispettivament huma l-ulied naturali tal-konvenut C E, il-Qorti issa għandha quddiemha t-talba tal-attriċi għall-manteniment taż-żewġ uliedha. Il-minuri F illum għandu 14-il sena u l-minuri D 11-il sena. F'dan ir-rigward hija tippreżenta affidavit[7] fejn tispjega l-pretensjonijiet tagħha.

## 2. Prinċipji legali

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi illi:

*"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*

Kif jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi, iż-żewġ ġenituri għandhom l-istess obbligu versu wliedhom, u b'hekk iż-żewġ ġenituri għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-ulied. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi *versu* uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess.[8]

L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied **huwa kull wieħed skont il-mezzi tiegħu**, ikkalkulati **skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal- Kap 16** tal-Liġijiet ta' Malta. Artikolu 20 jipprovdi illi:

*(1) Il-manteniment għandu jingħata **skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih**.*

[7] Fol. 104.

[8] *Vide* AB vs CD, deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-25 ta' Mejju 2023, (Rikors Nru. 147/2018 AL).

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persunali titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.*

Fil-każ **Portelli Jennifer *pro et noe* vs Portelli John**[9], ingħad hekk: *".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżzi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."*

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea**[10]: "*Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` iżjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."*

*Ai termini* tal-Artikolu 19(1) u 19(2) tal-Kap 16 il-manteniment għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż relatati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti dejjem

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, (Rikors Nru. 2668/96).
[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fil-31 ta' Jannar 2019.

enfasizzat illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi ta' min jipprovdih, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

### 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-każ odjern

Mill-atti jirriżulta illi l-partijiet kienu nvoluti f'relazzjoni intima u li minn din ir-relazzjoni twieldu ż-żewġ ulied[11] F imwieled fl-4 ta' Frar 2009 u D imwieled fil-15 ta' Settembru 2011. Il-Qorti tinnota illi l-partijiet ma baqgħux jgħixu taħt l-istess saqaf meta t-tifel il-kbir kellu biss sitt xhur. Jidher illi ż-żewġ ulied dejjem għexu ma' l-attriċi omm u ma jidhirx illi l-missier kellu ebda nvolviment fit-trobbija tagħhom.

Din il-Qorti osservat id-diżinteress tal-konvenut missier f'dawn il-proċeduri fejn apparti illi baqa' kontumaċi u deher biss darba personalment fil-proċeduri u darb' oħra deher id-difensur tiegħu illi mbagħad irrinunzja l-patroċinju (b'dana illi sussegwentement jidher illi l-konvenut ma ngaġġa l-ebda avukat ieħor), il-Qorti akkordatlu[12] l-fakoltà li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet tiegħu wara li ġie stabbilit illi huwa l-missier naturali tal-ulied D u F, u huwa baqa' inadempjenti. Il-Qorti għalhekk tinnota n-nuqqas ta' interess totali tal-missier fiż-żewġ uliedu, ikkorraborat mix-xhieda tal-attriċi fejn fl-affidavit tagħha tgħid:

*Illi hu ma jarax it-tfal u ma jieħux interess li jarahom u għalhekk relazzjoni magħhom ma teżistix.*

Jidher illi l-attriċi omm trabbi lill-ulied il-partijiet weħedha u dan anke mill-aspett finanzjarju. Kif ritenut fil-ġurisprudenza "*il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u*

[11] Affidavit tal-attriċi a fol. 42.
[12] Fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2023 (a fol. 102).

*titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat*."[13]

Il-Qorti tinnota madanakollu illi l-attriċi omm ma tikkorraborax it-talba tagħha b'evidenza ta' xi spejjeż li hija tagħmel għażżewġ uliedha. Skont artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta *Il-manteniment għandu jingħata skont* ***il-bżonn ta' min jitolbu*** *u* ***l-mezzi ta' min għandu jagħtih*** - żewġ elementi li bl-ebda mod l-attriċi ma ġabet provi dwarhom. Hija la qatt xehdet dwar x'inhuma u x'kienu fil-passat il-bżonnijiet ta' wliedha u lanqas ma xehdet dwar l-introjtu tagħha u wisq inqas tal-konvenut missier. Kull ma tgħid fl-affidavit tagħha illi "*niehu hsieb kull spiza ta' sahha u edukazzjoni u dak kollu relatat bhal dawl u ilma. Ovvjament ikun hemm spejjez marbutin mal-ikel u l-internet; Ovvjament ma jaghtinix nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni;"*[14]

Ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li* ***min jallega ħlas dan irid jippruvah*** *u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[15]

Kif jingħad ukoll fil-kawżi fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs A Joseph Mifsud**,[16] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[17] illi: *"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha"*

---

[13] *Vide* Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019.

[14] Fol. 104.

[15] Deċiża mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik Nru 152/16 AL).

[16] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rik Nru 107/2015 AL).

[17] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL).

Fil-każ odjern l-attriċi omm titlob manteniment għaż-żewġ uliedha mingħajr ma ġġib il-prova, lanqas bażika, rikjesta mill-liġi fl-Artikolu 20 tal-Kap 16 u kif spjegata fil-ġurisprudenza nostrana, **la ta' l-infieq li hija tagħmel għal uliedha u lanqas tal-introjtu tagħha jew tal-konvenut** u għalhekk il-mezzi ta' min jipprovdi l-manteniment lanqas ma ġew ppruvati. Madanakollu anke jekk il-ġenituri ma jaħdmux *"l-obbligu li wieħed imantni lil uliedu jipprexxindi jekk il-ġenitur jaħdimx jew le.*[18]

Huwa għalhekk illi din il-Qorti ser ikollha tasal għal ammont *arbitrio boni viri* illi għandu jingħata lill-attriċi omm u dan għaliex għalkemm ma ġabitx il-prova rikjesta mill-liġi, din il-Qorti tifhem illi t-trobbija tat-tfal indubbjament illi ġġib magħha infieq ta' lanqas bażiku għal ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż relatati mal-istess saħħa u edukazzjoni u f'kull każ ladarba l-konvenut ġab l-ulied fid-dinja huwa obbligu tiegħu ukoll li jmantnihom.

Tenut taċ-ċirkostanzi u l-provi mressqa, il-Qorti tinsab tal-fehma illi l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn (200) Ewro f'manteniment kull xahar għal kull wild, mid-data' tas-sentenza li stabilixxiet il-paternità tal-konvenut jiġifieri mis-27 ta' Mejju 2021 'l quddiem, li jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalunkwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. L-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni li wkoll ma nġabet l-ebda prova dwarhom ħlief li ssemma li jrid jitħallas l-internet, għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet meta tiġi ppreżentata d-debita riċevuta. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal uliedu D u F, aħwa B, sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jew min minnhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, l-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri

[18] Lea Tabone vs Jesmond Tabone deċiża fit-2 ta' Ottubru, 2003 deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja).

jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali *in konnessjoni* mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi biex jintużaw għall-bżonnijiet tat-tfal. F'każ li l-minuri jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, l-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom.

L-attriċi titlob ukoll fl-affidavit tagħha manteniment b'lura mill-ġurnata li twieldu ż-żewġ minuri (mingħajr ma tippreżenta l-ebda prospett ta' nfiq) madanakollu din ma kinitx waħda mit-talbiet fir-rikors ġuramentat tagħha tas-17 ta' Novembru 2016 u għalhekk din il-Qorti ma tistax tikkunsidra arretrati ta' manteniment.

## DEĊIDE

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda għalhekk taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ħames talba tal-attriċi kif dedotta fir-rikors datat 17 ta' Novembru 2016, u tordna illi l-konvenut iħallas manteniment ta' mitejn (200) Ewro kull xahar għal kull wild, mid-data' tas-sentenza li stabilixxiet il-paternità tal-konvenut jiġifieri mis-27 ta' Mejju 2021 'l quddiem, li jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalunkwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. L-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet meta tiġi ppreżentata d-debita riċevuta.  Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal uliedu D u F, aħwa B, sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jew min minnhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, l-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom,

skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali *in konnessjoni* mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi biex jintużaw għall-bżonnijiet tat-tfal. F'każ li l-minuri jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, l-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom.

Dan ikun japplika b'effett mill-jum illi din is-sentenza tgħaddi *in ġudikat*.

Bl-ispejjeż għandhom jiġu sapportati mill-konvenut.

Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella E
Deputat Registratur